Minuti tal-Laqgħa Nru. 9 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar l-Erbgħa, 27 ta' Jannar 2016 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sra. Denise Cutajar |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Eric C Camilleri<br>Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sinjura Lucia Massa<br>Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri |
| Skużat | Is-Sur. Kearon Bruno |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Proġett tal-Bandli
5. Performance Bonus tal-Impjegati
6. Kumitat taż-Żgħażagħ
7. Restawr tal-istatwa ta' Sant' Andrija
8. Website
9. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
10. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Fuq punt 2.1 il-Kunsilliera Camilleri Schembri qalet li din kienet imnaddfa.

1.2 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri qalet li l-oġġezzjoni kienet saret minn Front Ħarsien ODZ fuq il-kamra tan-nar u li hija kienet saret taf minn naħa tagħhom.

1.3 Fuq punt 3.4 il-Viċi Sindku qalet li jrid jitħalla aċċess għall isqaqien fi triq il-Gudja.

1.4 Il-Kunsillier Caruana qal li fuq dan il-punt hemm biċċiet li jridu jitħallew mingħajr linji. Is-Sindku qal li huwa se jmur fuq il-post u jara kif l-aħjar hawnhekk isiru l-linji.

1.5 Fuq punt 4.5 il-Viċi Sindku qalet li l-affarijiet li ssemmew fil-minuti kienu saru fil-kuntest tar-rapport li nqara waqt il-laqgħa.

1.6 Il-Kunsillier Caruana reġa tkellem fuq punt 3.6 biex dawn isiru.

## 2.0 PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Camilleri saqsa fuq l-ispeed camera li kienet issemmiet sabiex issir fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa. Is-Segretarju semma li huwa kien ressaq it-talba lir-Reġjun u anki kiteb lill-Perita Audrey Testaferrata Denoto.

2.2 Il-Kunsillier Camilleri saqsa jekk din tistax issir iż-zewġ naħat. Is-Segretarju semma li huwa jista jagħmilhom nota sabiex dawn isiru fuq iż-żewġ naħat.

2.3 Il-Kunsillier Caruana saqsa kif konna bqajna fuq il-bozza ta Triq l-Iskola. Is-Sindku irrisponda li huwa kien mar hemhekk stess personali mal-kuntrattur li dan spjegalu li jrid isir arblu u anki trenching minn naħa tal-Kunsill.

2.4 Il-Kunsillier Caruana semma nistgħux inkellmu lil-Iskola biex naraw kif jistgħu jikkollaboraw fuqha.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Camilleri qal li l-pal tal-bajtar reġa kiber kien. Is-Segretarju qal li huwa se jerġa jgħid lit-Transport Malta biex jaqtgħuh.

3.2 Il-Kunsillier Caruana semma li fejn iċ-Ċimiterju hemm xi ħwat biex dawn ikunu irranġatti. Is-Sindku qal li se jikkordina mal-ħaddiema biex dawn ikunu irranġatti.

3.3 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq il-problema tan-nuqqas ta dawl fi Triq San Ġorġ. Is-Sindku qal li din diġa kien ra fuqha u qed jara l-aħjar soluzzjoni biex ikun hawn dawl suffiċjenti hawnhekk.

3.4 Il-Kunsilliera Massa qalet li kien hemm xi bozoz fi Triq Ħal Farruġ u Triq tal-Maħżnier li ma kinux saru. Is-Sindku qal li huwa kiuen kellem lill-kuntrattur stess fuq dawn il-bozoz u anki kien mar miegħu fuq il-post imma kien hemm minhom li kellhom problema u għalhekk kellu jerġa jarahom.

3.5 Il-Kunsilliera Massa qalet fuq il-parkeġġ ta Qormi Road li kien hemm bżonn li jsir residential għax kien qed ikun hemm problema għar residenti.

3.6 Is-Sindku semma li kien kellem lil-Andrew il-panel beater li hemm faċċata tal-Lidl u qal lill-Pulizija ukoll billi kien qqed ikun hemm ħafna karozzi fuq il-bankina u n-nies ma jkunux jistgħu jimxu fuqha. Huwa qal li xorta meta għaddha reġa ra l-karozzi hemhekk. Huwa qal li anki kien għamel linja biex ma tinqabiżx mill-karozzi li jkun hemm għandu.

3.7 Il-Kunsillier Caruana tkellem fuq il-ħajt li hemm maġenb il-Kunsill peress li dan huwa perikoluż u jista jaqa fuq xi ħadd. Huwa qal li hemm ċertu persuna Bondin li jaf minn huwa responsabli ta dil-biċċa art. Is-Sindku qal li kif ikollna l-informazzjoni ionkellmu lill-Pulizija sabiex jieħdu ħsieb huma.

3.8 Il-Kunsillier Caruana semma jekk il-kenniesa li hemm bħalissa jista jkollhom ġkieket sofor biex ikunu jidhru. Is-Sindku semma li bħalissa hawn sitwazzjoni ta ndafa tajba f' Ħal Luqa. Il-Kunsillier Caruana qabel li bħalissa qed jinżamm ferm nadif.

3.9 Il-Kunsillier Caruana saqsa meta se jitnaddfu l-water culverts. Il-Viċi Sindku qalet li dawn diġa tnaddfu anki dawk li hemm faċċata fejn toqgħod.

3.10 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri qalet li meta infetaħ il-presepju tal-Każin tal-Ajkla Sandro kien qal li huwa kien bagħat invit għall inawgurazzjoni lill-Kunsilliera u dawn ma attendewx. Is-Sindku qal li l-każ ma kienx hekk għax l-istedina kienet saret bid-diskors. Il-Kunsilliera l-oħra ikkonfermaw li huma ma kinux mistiedna għall inawgurazzjoni.

3.11 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri qalet li għall attivita tal-Istrina huma kienu mistiedna imma ma ġewx infurmati għax kienet iċċekkjat. Is-Sindku qal li huwa kien ingħata l-ewwel stedina imma wara sar jaf li kien hemm stedina oħra li kienet miftuħa għall Kunsilliera. Huwa qal li dakinhar xorta ma kienx attenda għax ħassu ma jiflaħx. Is-Segretarju ikkonferma li huwa kien irċieva żewġ stediniet u li kien għaddha l-ewwel waħda lis-Sindku.

3.12 Il-Viċi Sindku qalet li kien hemm interess biex il-kors tal-kejkijiet isir l-intermediate fuqu. Is-Sindku qal li m' hemmx oġġezzjoni u dan jista jsir. Hija qalet ukoll li jista jsir kors fitness for kids. Is-Sindku qal li dan jista jsir ukoll.

3.13 Il-Kunsillier Camilleri qal li fuq l-attivita ta' Jum Ħal Luqa nistgħu nikkordinaw biex jinġieb il-blood donation unit peress li dawn qallu li kienu ilhom ħafna ma jiġu Ħal Luqa. Is-Sindku qal li mhux il-każ li dawn kienu ilhom ma jiġu Ħal Luqa. Il-Kunsillier Camilleri qal li dawn jistgħu jiġu fit-8 ta' Mejju peress li dik il-ġurnata biss ikunu jistgħu.

3.14 Il-Kunsillier Camilleri qal li dakinhar ukoll se jkun hemm unit minn naħa tal-Isptar li se jitkellmu fuq l-emerġenza u fuq l-importanza tal-pressjoni fid-demm biex tiġbed aktar nies.

3.15 Il-Kunsillier Camilleri qal li l-15 ta' Mejju jkun il-Ħadd u dakinhar tista ssir il-Quddiesa fit-8.30 am u wara jkun hemm il-korteo u ċ-ċerimonja fejn il-Monument.

3.16 Il-Kunsillier Camilleri qal li kien kellem lil Clayton tat-Telstar Butcher billi dan jifforma parti minn koperattiva li jipparteċipaw f' dawn l-attivitajiet imma dan kien għadu ma tahx risposta. Huma dawn imorru u jarmaw bil-laħam u jieħdu ħsieb l-armar huma.

3.17 Il-Kunsillier Camilleri qal li kien tkellem mal-Kunsillier Bruno biex tkun organiżżata xi attivita mill-qasam sportiv. Huwa qal li meta kien jgħix barra minn Malta kienet tkun organiżżata ġirja twila għall skop filantropiku li fiha jitwaddab trab bil-kulur li dan jista jitnaddaf. Huwa qal li kien sab hawn Malta minn jista jorganiżżah.

**Il-Kunsillier Caruana talab biex jitlaq mill-laqgħa peress li kellu impennji oħra. Huwa ħareġ fis-18.44 pm.**

## 4.0 PROĠETT TAL-BANDLI

4.1 Is-Sindku semma li huwa kien iltaqa mal-kuntrattur tal-Bandli fuq il-proġett u qallu biex kif ikun hemm deċiżjoni fuq l-equipment magħżul jinfurmah x kien hemm magħżul. Huwa qal lill-Kunsilliera biex jaraw l-equipment li kien hemm fl-offerta u jiddeċiedu fuq l-equipment. Dan imbagħad inkellmu lill-kuntrattur biex ikun jista jordnah.

4.2 Il-Kunsilliera raw id-dokument tat-tender u kien hemm qbil fuq id-diversi equipment magħżul.

4.3 Is-Sindku qal li bħalissa qed nitkellmu mal-Lands biex naraw il-possibilta li l-entratura issir f' parti oħra differenti minn fejn qiegħda bħalissa. Minn naħa tal-Lands se nippruvaw inġibu l-kuntratt tal-Bandli.

## 5.0 PERFORMANCE BONUS TAL-IMPJEGATI

5.1 Is-Segretarju tkellem fuq il-ħaddiema tal-Kunsill li huwa kien sab koperazzjoni fix-xogħol matul is-sena l-oħra u li għalhekk kien ħass li dawn ħaqqhom jingħataw performance bonus full ta 6%. Il-Kunsilliera qablu.

5.2 Is-Segretarju intalab joħroġ mill-kamra sabiex ikun diskuss il-performance bonus tiegħu. Is-Sindku sejjaħlu lura fejn infurmah li jrid jorganiżża aktar ruħu imma mill-bqija l-Kunsill sodisfatt bil-ħidma li ta u għalhekk kien hemm qbil li jingħata 10%.

## 6.0 KUMITAT TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

6.1 Is-Sindku qal li l-Kunsillier Bruno kien qed jikkordina fuq is-Sotto Kumitat taż-Żgħażagħ u li dan kien qed jippjana biex fil-bidu ta' Frar isir launching tiegħu. Huwa qal li matul il-laqgħa ma setax jattendi billi kien imsiefer.

## 7.0 RESTAWR TAL-ISTATWA TA SANT' ANDRIJA

7.1 Is-Sindku informa li konna ingħatajna approvazzjoni biex tkun irrestawrata l-istatwa ta' Sant' Andrija. Huwa semma li kien hemm 36 applikazzjoni imma 5 biss ġew magħżula. Huwa semma li kienet se ssir laqgħa mad-Direttoratt tar-restawr l-għada tal-laqgħa tal-Kunsill sabiex ikun ikkordinat ix-xogħol.

7.2 Il-Kunsillier Camilleri semma li rridu naraw fuq id-dawl li hemm mad-dawra peress li dan kien vera ikrah. Is-Sindku qallu biex kif konna se niltaqgħu mad-Direttoratt nitkellmu magħhom fuq x' jista jsir. Is-Sindku qal li nistgħu nagħmlu dawl minn faċċata.

## 8.0 WEBSITE

8.1 Is-Segretarju informa li kien hemm xi problemi fil-connection tal-internet u l-laptop u għalhekk kien se juri preview tal-website fuq il-mobile tiegħu. Huwa qal li sal-laqgħa li ġejja din tkun launched. Huwa wera l-preview tal-website lill-Kunsilliera, fosthom il-parti fejn ikun hemm il-live streaming.

## 9.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

9.1 Is-Segretarju qal li kien hemm xi mistoqsijiet fuq il-pagamenti mill-Kunsilliera Camilleri Schembri. Fuq il-pagament tas-Seashells dan kien rigward il-ħarġa tal-Kunsill li saret għar residenti. Il-Kunsilliera Camilleri Schembri qalet li l-problema kienet minħabba li dan ma kienx qed juri li dawn fuq il-flus li nġabru minn fost dawk li attendew. Is-Segretarju qal li se jagħmel nota.

9.2 Is-Sindku qal li l-pagamenti dovuti lill-avukati kienu fuq kawża li kienet għaddeja minn qabel il-leġiżlatura preżenti fl-arbitraġġ u li din kienet inqatgħet kontra l-Kunsill, għalkemm il-każ sar f' parti li mhux taħt ir-responsabilta tal-Kunsill Lokali.

9.3 Is-Segretarju qal li l-kont dovut lill JB Concrete Mix kien rigward il-konkos użat fl-aħħar fażi tal-Family Park fejn dan kien iċċertifikat mill-Perit inkarigat mix-xogħol.

## 10.0 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar l-Erbgħa 27 ta' Jannar 2016 fis-7.30 pm. Ma kienx hemm ġurnata proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________2016.

______________________ ______________________

John Schembri
Sindku

Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv